MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2012

Appell Civili Numru. 345/2008/1

**Avviz Numru : 345/2008 CSH**

**Mark Bugeja, Martin Borg Bonello Cole, Austin Demajo u Joseph Pullicino f'isimhom proprju u fl-isem u l-interess tad-ditta Grant Thornton**

**vs**

**Geoffrey Camilleri**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Illi fit-22 ta' Frar 2011 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***"Il-Qorti: -***

*Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-17 ta' Ottubru 2008 fejn l-atturi talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallashom is-somma t'erbat elef sitt mija tmienja u hamsin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€4658.75) ekwivalenti ghal elfejn lira Maltin (Lm2000) skont kif stipulat fl-artikolu 7.5 tal-kuntratt tal-impjieg definittiv li huwa fforma mal-istess ditta u li jgib id-data tat-8 ta' Awwissu 2005, li kopja awtentika tieghu hija annessa u immarkata bhala Dok. A, u dan stante li huwa kiser il-kondizzjoni imposta in virtu' tal-artikolu imsemmi fuq li ma jimpejgax ruhu fi zmien ta' mill-inqas sentejn mid-data tat-terminazzjoni tal-kuntratt, ma' persuna ditta jew socjeta' li ghal perijodu ta' mill-inqas sentejn qabel tali terminazzjoni kienu klijenti tad-ditta attrici. Illi kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza huwa fil-fatt impjega ruhu ma' entita' li kienet u ghadha klijenta tad-ditta attrici.*

*Ghalkemm gie interpellat sabiex thallas dan l-ammont hawn fuq imsemmi anke ufficcjalment skont kopja legali tal-ittra ufficjali datata 25 ta Gunju 2008 hawn annessa u mmarkata Dok. B, baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra tieghu.*

*Bl-ispejjez kollha nkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali, kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali li ggib id-data tal-25 ta' Gunju 2008, u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-istess ittra u cioe' mit-28 ta' Gunju 2008 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa ngunt in subizzjoni.*

*Rat ir-risposta tal-istess Geoffrey Camilleri fejn eccepixxa s-segwenti:-*

*1. "Illi t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li huwa ma kiser l-ebda kundizzjoni tal-kuntratt. Illi l-istess materja u l-istess kwistjoni tinsab quddiem din il-Qorti diversament preseduta u forsi jkun jaqbel li z-zewg kawzi jimxu flimkien stante li z-zewg kawzi ghandhom prattikament l-istess fatti, l-istess kuntratt u l-istess punti legali. Il-kawza hija Mark Bugeja et vs Marvin Zammit et (Avviz Numru 349/08JAB).*

*2. Fit-tieni lok il-kundizzjoni li fuqha qed tinbena din il-kawza qatt ma kellha l-iskop jew kienet l-intenzjoni tal-partijiet li l-esponenti ma jahdimx ghal zmien sentejn.*

*3. Illi l-posizzjoni tieghu mal-kumpanija attrici kienet dik ta' senior auditor u l-awdituri effettivament m'ghandhomx rapport ta' service provider u klijent stante li n-natura ta' auditor hija assolutament indipendenti mill-persuna li tinkariga li jsir audit fl-interess tal-komunita' u l-veracita' tal-accounts."*

*Illi nhar l-4 ta' Frar 2009 xehed l-attur* ***Mark Bugeja, Partner*** *mas-socjeta' attrici u spjega li huwa jokkupa l-kariga ta' Head tal-Assurance Services tas-socjeta' kif ukoll il-kariga ta' responsabilita' tal-Human Resources ta' l-istess socjeta'. Spjega li meta huwa jara li hemm persuna addattata ghax-xoghol maghhom huwa jibghatilha e-mail u f'kaz ta' nteress jibghat anke kopja ta' draft contract of employment. Qal li huma ghandhom zewg tipi ta' kuntratti, kuntratt indefinit, u kuntratt definit ghal xi perijodu ta' sentejn jew tliet snin u sussegwentement jigi awtomatikament indefinit, jekk ma jigix terminat. Spjega li l-iskop huwa dak li ghalkemm in-nies li huma jimpjegaw is-soltu jkunu nies mill-universita', xorta jkollhom bzonn certu training u ghalhekk huma jkunu jixtiequ li dak li jkun jintrabat ghal perijodu ta' zmien maghhom.*

*Huwa esbixxa dokument li gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument RB1. Dan id-dokument jikkonsisti f'numru ta' e-mails li gew skambjati bejnu u l-konvenut. Spjega li l-ewwel*
*e-mail hija datata 6 ta' Mejju 2005 u din kienet intbaghtet wara li huwa kien iltaqa' mieghu u kienu ddiskutew it-terms of reference tal-impjieg tieghu. Jghid li fil-fatt kien offrielu mpjieg u kien baghtlu kopja tal-kuntratt relattiv. Ftit wara, u cioe' fl-20 ta' Gunju 2005 kien infurmah li xtaq ikompli bl-istudji tieghu, u qalilhom li f'kaz li jgib il-masters tieghu, is-sena ta' wara jekk huma jkunu ghadhom interessati li jimpjegawh, huwa jkun lest jikkonsidraha. Fit-22 ta' Lulju 2005 ircevew ittra minghandu datata 18 ta'*

*Lulju 2005 fejn gew infurmati li ma kienx ghadu nteressat li jkompli jistudja u staqsihom jekk kienux ghadhom disposti jimpjegawh. Fil-fatt ix-xhud jghid li kien qallu li kien ghadu interessat u talbu, permezz ta' e-mail datata 22 ta' Lulju 2005, sabiex icemplilhom. Sussegwentement kienu ltaqghu u ffirmaw kuntratt, u l-konvenut beda jahdem maghhom fit-8 ta' Awwissu 2005.*

*L-attur esebixxa dokument iehor li gie markat bhala Dok. RB2 li jikkoncerna regoli ta' risk management, etika u aspetti ohrajn li jikkoncernaw ix-xoghol taghhom, liema dokument gie wkoll iffirmat mill-konvenut wara li nghata kopja tal-istess manual.*

*Jghid li wiehed mill-aspetti fondamentali fil-Code of Ethics taghhom huwa li jridu jkunu ndipendenti mill-klijent. Il-pagna 23 ta' dan il-manual, li giet prezentata minnu, tispejga x'jigri f'kaz li mpjegat ikollu hsieb jew possibilta' li jimpjega ruhu ma' klijent. Qal li l-Code of Ethics torbot lil kulhadd u huwa ghalhekk li jimponu l-penali t'elfejn lira Maltin f'kaz ta' ksur ta' dan il-ftehim, sabiex din tinibih jew ma thallihx jithajjar milli jimpjega ruhu u ifittex impjieg ma' xi klijent minn taghhom, u b'hekk ghandu jkun f'posizzjoni li jirrezisti l-ahjar offerta li jkollu mill-klijent.*

*Qal li l-konvenut spicca mill-impjieg maghhom fit-18 ta' Marzu 2008 u jaf li minnufih beda jahdem mal-MFSA, liema socjeta' ilha klijenta taghhom ghal dawn l-ahhar ghaxar snin mill-inqas, u li kienet ghadha klijent taghhom sa dakinhar li xehed, u huwa ghalhekk li huma qed jitolbu l-penali t'elfejn lira Maltin (Lm2,000) ekwivalenti ghal erbat elef sitt mija u tmienja u hamsin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€4658.75) minghand il-konvenut.*

*Ikkonferma li l-manual li tieghu ipprezenta kopja, u cioe' Dok. RB2 kien hareg f'Ottubru 2004, u dan kien gie mibdul b'manual iehor f'Novmebru 2007, immarkat bhala Dok. RB3 u l-konvenut kien iffirmah. F'dan il-manual hemm ukoll imnizzel klawsola li tghid li l-Code of Ethics li johrog mill-Accountancy Board japplika wkoll ghall-klijenti taghhom, fejn hemm imnizzel li l-Employment u l-*

*Assurance Client jista' jaffettwa l-kwistjoni ta' ndipendenza, kif effettivament kien spjega aktar 'il fuq.*

*Huwa esebixxa dokument iehor li huwa l-Code of Ethics for Warrant Holders, li huwa mahrug taht l-Accountancy Professionals Act 1979 Kapitolu 281 tal-Ligijiet ta' Malta, li gie mmarkat bhala Dok. RB4.*

*Spjega li l-bullet 8.26 tirreferi ghal potential employments tal-Assurance Clients bhala theddida ghall-indipendenza, filwaqt li bullet 8.140 intitolat employment with assurance clients u bullet 8.142 tispjega ghaliex il-kazijiet jissejhu bhala kazijiet ta' theddida.*

*In segwitu' sar jaf li l-konvenut mar jahdem ma' klijent minn taghhom u huwa kitiblu fil-21 ta' April 2008 u talbu jhallas is-somma t'elfejn lira Maltin (Lm2000) li huma danni prelikwidati skont il-kuntratt iffirmat minnu. Huwa kien irrispondih fit-2 ta' Mejju 2008 fejn qallu li kien ha parir u qallu li ma kienx lest li jhallas is-somma mitluba.*

*Sussegwentment ipprezenta ittra ufficjali li giet ipprezentata fil-25 ta' Gunju 2008 liema ittra effettivament tinsab inserita fil-process u ghal din l-ittra kienu rcevew risposta li tinsab esebita a fol. 11 tal-atti, liema risposta hija datata l-1 ta' Lulju 2008.*

*Jikkonferma li l-konvenut kein ippartecipa fl-audit li saret fuq ix-xoghol tal-MFSA ghas-sena li ghalqet 31 ta Dicembru 2006 u x-xoghol kien sar fi Frar 2007. Kien jifforma parti minn team audit.*

*Fis-26 ta' Mejju 2009 jerga' jixhed u jispjega li huwa kien ghamel tfittxija fl-inkartament li ghandhom tal-MFSA, u appuntu ghal Audited Accounts li ffirmaw ghas-snin 2005 sa 2008, liema accounts gew esebiti u mmarkati bhala Dok RB9. Jghid li hemm il-firma taghhom ta' awdituri fuqhom. Qal li din l-informazzjoni hija accessibbli fuq il-website tal-MFSA, u ghalhekk accessibbli ghal kull min ghandu access ghal din il-website, u dan sabiex jipprova li huma kienu u ghadhom awdituri tal-MFSA naturalment fil-perijodu li l-konvenut kien ghadu fl-impjieg maghhom.*

*Fit-8 ta' Lulju 2009 rega' xehed u kkonferma dak li gie suggerit lilu mill-avukat tal-konvenut, cioe' li kull min isegwi il-kors tal-accountancy jew auditing ghandu jaghmel xi zmien jipprattika go xi socjeta' stabbilita sabiex jiehu l-warrant, ghalkemm mhux biex jiggradwa. X'kellu f'mohhu l-konvenut meta beda l-impjieg maghhom ma jafx, ghalih kien impjieg regolari. Jikkonferma li kienu tawh grad ta' Senior Auditor ghalkemm warrant ta' awditur kien ghadu m'ghandux.*

*Irrizultalu li l-konvenut hadem fuq xoghol tal-MFSA tas-sena li ghalqet fil-31 ta' Dicembru 2006. Ix-xoghol kien sar fi Frar 2007. Fisser li meta jkun hemm audit ikun hemm team li jaghmel l-audit, u l-konvenut kien wiehed mit-team. Cahad dak li gie suggerit lilu li huma m'humiex client based. Anzi jghid li ghandhom relazzjoni ndividwali ma' kull klijent u mhux ma l-istaff biss. Fil-fatt jghid li kull klijent jaghzel l-awditur tieghu hu stess u b'hekk jistabilixxi relazzjoni ta' client relationship. Qal li meta l-MFSA appuntathom kien ghall-perijodu ta' sena, li tigi mgedda minn sena ghal sena u l-klijent ikun marbut maghhom tul dik is-sena tal-ingagg, salv jekk ma jsirx renewal.*

***Geoffrey Camilleri** xehed in subizzjoni nhar is-26 ta' Mejju 2009. Spjega illi huwa beda jahdem mal-MFSA nhar is-16 ta' April 2008 u kien ghadu jahdem maghhom sa meta xehed il-Qorti. Ikkonferma li qabel ma beda l-impieg mal-MFSA huwa kien jahdem mas-socjeta' attrici u fil-fatt jghid li spicca jahdem mas-socjeta' attrici ftit qabel ma beda l-impieg tieghu mal-MFSA. Muri d-dokuement esebit a fol. 3 tal-process jghid li dan huwa l-kuntratt li huwa kien iffirma meta beda l-impjieg tieghu mas-socjeta' attrici u gharaf il-firma tieghu fuq il-kuntratt. Mistoqsi jekk jafx jispjega l-import tal-klawsola numru 7.5 jghid li jaf pero' jghid li huwa jinterpretaha fid-dawl ta' dak li hemm imnizzel fil-klawsola numru 1. Qal li huwa jahdem fl-insurance unit u jaghmel xoghol regolatorju mal-MFSA u m'ghandu x'jaqsam xejn ma' accounts jew audits. Jimxi mal-Insurance Act u jara li johorgu licenzji skont dan l-att.*

*Illi nhar l-14 ta' Jannar 2010 il-konvenut **Geoffrey Camilleri** esebixxa l-affidavit tieghu (fol. 135) u kkonferma u enfasizza li skont il-kuntratt li huwa ffirma fit-8 ta' Awwissu 2005 huwa dahal jahdem ma' Grant Thornton bhala 'Senior Auditor'. Jghid li ghaldaqstnat il-ftehim kien li l-kuntratt jorbot lill-partijiet biss fl-ambitu tal-impjieg li hu accetta ta' Senior Auditor u li allura l-klawsola 7.5 tal-istess kuntratt invokata mill-attur, f'dan il-kaz ma tapplikax, ghaliex jispjega li qatt ma kien miftiehem li persuna tkun projbita milli tahdem ma' xi azjeda jew persuna ohra meta dan l-impjieg ma jkollu x'jaqsam xejn mal-impjieg li dik il-persuna kellha mal-azjenda li kien jahdem maghha qabel. Sostna wkoll li lilu qatt hadd ma qallu li ma seta jassumi l-ebda tip ta' mpjieg, anke wiehed li m'ghandu x'jaqsam xejn ma' dak li kellu, ma' klijent ta' Grant Thornton sa sentejn wara li jitlaq minn ma' din id-ditta. Izid li hu ffirma l-kuntratt ghax kienet haga ragunata ghalih li ma kienx se jmur jahdem ma' klijent ta' Grant Thornton fil-posizzjoni ta' Senior Auditor, imma mhux li ma setax jahdem fl-ebda mpjieg. Barra minn hekk jghid li hu qatt ma nghata lista tal-klijenti tal-Grant Thornton u li l-klijenti ta' kwalunkwe ditta t'awdituri jinbidlu l-hin kollu.*

*B'referenza ghall-klawsola 7.5 tal-kuntratt il-konvenut isostni li l-MFSA hija Awtorita' pubblika u ghaldaqstant la hija persuna, la hija ditta w lanqas kumpanija u izid li f'Malta d-ditti l-kbar tal-awdituri ghandhom il-maggoranza tas-suq kummercjali f'idejhom u l-Grant Thornton hija wahda minn dawn is-sitt ditti kbar, u allura persuni fil-professjoni t'awdituri huma ristretti hafna fl-ghazla tal-impjieg taghhom.*

*Inoltre jghid li huwa ma ha l-ebda kumpens biex jirrifjuta li jahdem ma' xi 'klijent ta' Grant Thornton', u fil-fatt izid li l-paga tieghu kienet biss ta' erba' mija u hamsa u erbghin Lira (Lm445) fix-xahar 'gross' – skont kif jirrizulta mill-klawsola numru 3.*

*Cahad dak li qallu l-atturi li huma kienu nvestew fih f'termini ta' korsijiet u tahrig iehor, anzi qal li l-uniku tahrig li ha kemm dam impjegat maghhom kienu erbghin siegha tahrig li hu obbligatorju fil-linja ta' accountants u awdituri*

*biex izommu l-warrant. Jghid li ghalkemm dak iz-zmien hu kien ghad ma kellux warrant, xorta kien illu jattendi ghax il-kors kien isir waqt il-hin tax-xoghol gol-ufficini ta’ Grant Thornton stess mill-istaff tal-istess Grant Thornton. Inoltre jghid li dan it-tahrig hafna drabi kien ikun fuq proceduri tal-kumpanija Grant Thornton u software taghhom u m’hu t’ebda uzu barra minn din il-kumpanija.*

*Jilmenta wkoll li meta ried jaghmel kors ta’ Masters fl-Universita’ ta’ Malta, Grant Thornton qatt ma sponsorjawh f’xejn u kellu jattendi ghal-lezzjonijiet mil-leave tieghu dejjem jekk ma jkollux impenji ohra tad-ditta.*

*Rigward ix-xoghol prezenti li ghandu mal-MFSA jghid li dan inghatalu fuq il-merti tieghu u mhux ghax qabel kien jahdem ma’ Grant Thornton, u ntaghzel ghalih minn fost diversi applikanti ohra wara li sarulu xi ntervisti. Jinsisti li l-impjieg li ghandu mal-MFSA m’ghandu x’jaqsam xejn mal-impjieg li kellu ma’ Grand Thornton u l-kwalifiki u l-esperjenza li ntalbu ghal dan il-post ma kellhom x’jaqsmu xejn mal-impjieg tieghu ma’ Grant Thornton ghaliex hu qatt ma kellu esperjenza fix-xoghol li dahal ghalih mal-MFSA u ntaghzel ghax kien gradwat fl-Accountancy u ghax kien qed jaghmel il-kors ghall-Masters u allura kellu ideja tajba tar-regolamentazzjoni tal-Insurance gewwa Malta.*

*Jghid li d-ditta attrici ma sofriet l-ebda danni minhabba l-impjieg tieghu mal-MFSA, tant hu hekk li l-audit tal-MFSA ghadu jsir mill-Grant Thornton. Oltre dan jghid li l-posizzjoni*
*li ghandu mal-MFSA m’ghandha x’taqsam xejn mal-Accounts Department. Jispjega li l-fatt li Grant Thornton jaghmlu l-Audit tal-MFSA ma jfissirx li l-MFSA huma klijenti ta’ Grant Thornton.*

*Meta xehed in kontro-ezami nhar id-29 ta’ Marzu 2010, il-konvenut ikkonferma li l-kuntratt li kellu mal-kumpanija attrici kellu jsir wiehed indefinittiv wara sentejn. Ikkonferma wkoll li hu kien ircieva l-e-mail esebita a fol. 26 datata 6 ta’ Mejju, 2005 u li kien jaf bil-kundizzjoni li seta’ jircievi xi promozzjonijiet dejjem skont il-performance*

*tieghu. Inoltre kkonferma li kien gie avzat li l-paga li kellu bhala Senior Auditor setghet tizdied maz-zmien. Jghid li huwa minnu li f'Mejju 2005 kien informa lil Grant Thornton li ma kienx ghadu nteressat fl-impjieg tieghu maghhom ghax ried ikompli jistudja u li f'Lulju tal-istess sena kien biddel fehmtu u staqsihom jekk kienux ghadhom interessati li jimpjegawh. Ftakar li fit-tliet xhur qabel ma ffirma lkuntratt, dan kien f'idu, izda hu qatt ma ha parir dwaru, izda ffirmah minn jeddu.*

*Stqarr li s-socjeta' Grant Thornton kienet thaddan procedura ta' time-sheets, fis-sens li l-impjegati kienu jnizzlu l-hin li ghamlu jahdmu fuq bicca xoghol ta' kull klijent, u sussegwentement il-klijent kien jinhadimlu l-kont skont dawn it-time sheets. Gie muri time-sheet immarkata Dok. X u kkonferma li hu kien jimla wahda bhala pero' bil-computer. Huwa gharaf il-firma tieghu fuq din it-time sheet. Spjega li fil-programm kien ikollhom pull down menu u jekk il-client code ikun installat jitla' awtomatikament u jekk le timlih is-segretarja.*

*Cahad li fl-ewwel sena li kien jahdem mal-kumpanija attrici kien involut fl-audit tal-MFSA, izda jaf li kien mar hemmhekk biss biex jigbor xi karti. Anzi jzid li sa fejn jaf hu fl-ebda hin ma kien involut f'dawn l-audits, ghalkemm seta' jkun li ghen fil-casting tal-Financial Statements. Sostna li hu qatt ma mar ghand l-MFSA u ghamel xi audit hemmhekk. Huwa jkompli jghid li wara li ttermina l-impjieg tieghu ma' Grant Thornton huwa seta jimpjega ruhu ma' ditti u socjetajiet ohra hawn Malta.*

*Ghalkemm ikkonferma li fis-sena 2007 kien ha xi increments, pero' ma kienx jaf ghal kemm kienu jammontaw. Gie muri d-dokumenti CSH1 u CSH2 rigward xi tahrig li hu nghata, u hu sostna li l-uniku tahrig li ha mis-socjeta' attrici kienu korsijiet li saru fil-bini tal-istess socjeta' u li kienu relatati max-xoghol li kien jaghmel maghhom. Jghid li ghalkemm dak iz-zmien kien ghadu lanqas biss applika ghall-warrant t'awditur, kien obbligat li jattendi ghall-korsijiet skont il-manual li kien iffirma. Gie muri wkoll id-dokument CSH3 u kkonferma li din hija l-Leave Entitlement Card tieghu.*

*Rigward il-kors ghall-masters, jghid li dan hallas ghalih minn butu, ghalkemm ha xi ftit sieghat mix-xoghol, u dan dejjem bil-permess u skont il-bzonn tas-socjeta' attrici. Jghid li l-lectures li kien ikollhom filghodu, ma kienx jattendi ghalihom minhabba l-esigenzi tal-kumpanija. Jghid li ma kienx ha t-tmenin siegha kollha ndikati fid-dokument CSH1 ghax kien telaq minn maghhom qabel.*

*Sussegwentement rega' xehed fl-10 ta' Gunju, 2010 (a fol. 156) u stqarr li bejn il-31 ta' Jannar u l-14 ta' Frar 2007 huwa kien hadem tnejn u tletin siegha fuq ordni tal-MFSA rigward l-audit tas-sena 2006. Gie muri d-dokument esebit bhala Dok. Z li jirreferi ghall-applikazzjoni ghall-istudy leave tieghu, u kkonferma li huwa minnu li fis-sena 2007 kien intitolat tmenin siegha study leave, izda zied li dawn ma hadhomx. Huwa minnu wkoll li kellu tliet mija u seba' sieghat leave carried forward ghas-sena 2008, li jinkludu t-tmenin siegha study leave li ma hax. Rigward jekk effettivament thallasx elfejn u tnejn u tmenin ewro u tmienja u tletin centezmu (€2082.38) ghal mitejn u wiehed u sittin siegha, qal li ried jivverifika.*

*Rat illi nhar il-25 ta' Frar, 2010 il-konvenutipprezenta affidavit ta'* ***Marvin Zammit*** *(a fol. 140 et seq.). Dan jghid li hu kien iffirma kuntratt identiku ghal dak tal-konvenut ghall-posizzjoni ta' Senior Auditor mad-ditta Grant Thornton, u spjega li l-kuntratt jorbot lill-partijiet biss fl-ambitu ta' mpjieg ta' Senior Auditor. Dan jikkonferma li qatt ma gie spjegat lilhom li ma setghu jassumu l-ebda tip ta' mpjieg ma' klijent ta' Grant Thornton, anke mpjieg li ma kellu x'jaqsam xejn ma' dak ta' Senior Auditor, sa sentejn wara li jitilqu minn mad-ditta. Ix-xhud isemmi wkoll li huma qatt ma nghataw lista tal-klijent tal-Grant Thornton u lanqas ma nghataw xi kumpens biex jirrifjutaw li jahdemu ma' xi 'klijent ta' Grant Thornton', anzi jzid li l-paga tieghu kienet biss ta' Lm445 'gross' fix-xahar.*

*Ikkonferma dak li qal il-konvenut rigward tahrig, cioe' li l-uniku tahrig li nghataw kien dak li ghamlu fid-ditta stess. Jghid li l-impjieg li ghandu l-konvenut bhalissa kien gie*

*riklamat fil-gazzetti u fuq mezzi elettronici u m'ghandu x'jaqsam xejn mal-impjieg li kellu mal-Grant Thornton.*

*Marvin Zammit rega' xehed in kontro-ezami nhar it-tlettax ta' Lulju 2010 (a fol. 165 et seq.). Meta gie mistoqsi jekk kienx ircieva xi e-mail datata 22 ta' Gunju 2005 rigward promotions, qal li jaf li kien ircieva e-mail pero' ma jiftakarx il-kontenut taghha. Jghid li sa fejn jiftakar hu l-kuntratt kien intbaghat bl-e-mail, u ma kienx gie diskuss, u ma kienx negotiable. Zied li pero' l-kuntratt iffirmah minn jeddu. Jaf li kellu jithallas ta' xi spejjez, il-bonuses u xi allowances. Qal li l-paga gross kienet Lm445 fix-xahar u kellhom bonus ta' hamsin Lira (Lm50) fix-xahar. Qal ukoll li x-xoghol kien jinvolvi li tmur ghand il-klijenti. Ikkonferma wkoll li Grant Thornton jimxu bi procedura ta' time-sheets biex johorgu l-kontijiet tal-klijenti. Ix-xhud qal li jista' jkun li fis-sena 2007 kien ircieva xi somma flus aktar minn dik miftehma bhala annual increments, u zied li dwar il-quantum seta' jivverifika.*

*Marvin Zammit jghid ukoll li kienu jaghmlu gimgha f'sena l-istaff bejniethom kulhadd jaghmel xi presentation dwar International Accounting Standards u zied li sa fejn jaf hu din hi statutorja minhabba l-Accountancy Board. Jaf ukoll li kien ikollhom xi tahrig dwar software uzat mill-kumpanija. Meta gie muri d-Dok. Z ikkonferma li dan jirreferi ghal dak it-tahrig dwar international audit standards li sar fil-bini tal-kumpanija stess dwar international audit standards li jista' jigi wzat minn kull kumpanija t'awdituri. Ikkonferma wkoll li l-firma li hemm fuq dan id-dokument hija tieghu. Ix-xhud zied li meta ried jaghmel kors ghall-masters, kien talab lill-attur jekk il-kumpanija setghetx tisponsorjah, u dan kien qallu li ma setghetx, pero' setghet ittieh ghaxart ijiem leave, dment li l-kumpanija ma jkollhiex daqshekk bzonnu u fiz-zmien tal-ezamijiet, cioe' f'Jannar 2008. Ghalhekk sahaq, li hu mar jaghmel l-ezamijiet bil-permess tal-attur, u qal ukoll li biex ghamel l-ezamijiet kien uza wkoll l-istudy leave ta' tmenin siegha li huma kienu ntitolati ghalih, apparti l-leave normali taghhom. Ikkonferma mbaghad li ghal-leave li ma kienx lahaq ha matul is-snin, li m'ghandu x'jaqsam xejn mal-istudy leave, kien thallas is-somma ta' elf tmien mija u*

*tnejn u tmenin ewro u tlieta u disghin centezmu (€1882.93). Ghalhekk, kompla, l-kumpanija Grant Thornton ma taghtu l-ebda ghajnuna finanzjarja biex jistudja, izda taghtu biss tmenin siegha study leave, bhal ma taghti lil kull impjegat taghha.*

*Mistoqsi jekk kinux jahdmu biss erbghin siegha fil-gimgha huwa cahad u qal li kienu jaghmlu hinijiet iktar, skont l-esigenza tal-kumpanija, u tal-overtime ma kinux jithallsu. Pero' spjega li dan l-overtime ma kienx isir ta' kuljum, izda f'certu zminijiet bhal meta tasal iz-zmien li tithallas it-taxxa u affarijiet hekk. Inoltre qal li huma ma kellhomx sistema ta' punch cards ghal meta jidhlu w johorgu. Sostna wkoll li ghalkemm gieli hadem overtime, tieghu ma thallasx. Jaf li anke l-konvenut gieli qaghad overtime u jaf ukoll li fil-kuntratt hemm klawsola li tghid li tal-overtime ma jithallsux.*

*Sussegwentement rega' xehed fit-13 t'Ottubru, 2010 u ikkonferma li hu kien ircieva d-dokument AA esebit fl-atti.*

*Jikkonferma 'n oltre li ghas-sena 2007 kellhom zieda fis-salarju, ta' xi erbghin Lira Maltin fix-xahar, u allura kienu rcevew aktar minn dak stipular fil-kuntratt.*

*Rat l-affidavit ta'* ***l-Avukat Dr. Marisa Attard*** *(a fol. 155) fil-kapacita' taghha ta' Direttur tad-Divizjoni dwar l-Assigurazzjoni u l-pensjonijiet fi hdan l-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta. Din iddikjarat li l-konvenut jahdem mal-MFSA fi hdan id-divizjoni responsabbli mis-supervizjoni tal-assigurazzjoni u l-pensjonijiet. Iddikjarat ukoll li x-xoghol tieghu huwa esklussivament ta' natura regolatorja u jinvolvi li jigi assigurat li l-kumpaniji licenzjati fl-assigurazzjoni jew fl-intermedjarji tal-assigurazzjoni jharsu d-disposizzjoni tal-ligi u l-kundizzjonijiet imposti mill-Awtorita'. Ghalhekk iddikjarat ukoll li dan ix-xoghol m'ghandu x'jaqsam xejn max-xoghol ta' awditur jew ta' kontabilita' fi hdan l-MFSA.*

*Rat il-verbal taghha tat-13 t'Ottubru, 2010 fejn tat zmien lill-konvenut sal-10 ta' Dicembru, 2010 biex jipprezenta*

*nota ta' sottomissjonijiet tieghu, b'dan li l-attur ghandu jwiegeb sal-ahhar ta' Jannar 2011.*

*Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut prezentata nhar is-6 ta' Dicembru 2010.*

*Rat ir-risposta tal-atturi pprezentata nhar l-erbgha u ghoxrin ta' Jannar 2011.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi f'din il-kawza m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq l-interpretazzjoni li din il-Qorti ghandha taghti lill-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet. Jirrizulta bla ebda tlaqliq li dan il-kuntratt gie ffirmat mill-kontendenti wara li l-istess attur kien ghadda kopja tal-kuntratt lill-konvenut zmien qabel ma sussegwentement iffirmah. Dan il-fatt mhux kontestat. Ghalhekk isegwi li una volta l-konvenut kellu f'idejh kopja tal-kuntratt qabel ma ffirmah seta' mar u staqsa ghal kwalsiasi parir, f'kaz li huwa ma fehemx xi klawsola hemm stipulata. Il-fatt li l-konvenut m'ghamilx dan ma jfissirx li l-kuntratt ma jikkostitwixxix vinkolu bejniethom u li t-tnejn li huma huma marbutin bih fis-sens li huma marbutin bl-obbligazzjonijiet minnhom assunti fih.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Gloria mart Jonathon Beacom vs AIC Anthony Spiteri Staines*** *deciza mill Qorti tal-Appell nhar il-5 t'Ottubru 1998 jinghad li:-*

*"Il-Principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratt jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kuntrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraent kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali w trid tigi osservata. Pacta sunt servanda."*

*In oltre fis-sentenza* ***Salvu Fenech vs Malta Dairy Products Limited*** *deciza fil-Prim' Awla nhar it-30 t'Ottubru 2003 inghad ukoll li :-*

*"Meta l-kontraenti jinkorporaw fi skrittura l-ftehim ta' bejniethom, ghandu jigi prezunt li dak li riedu jiftiehmu fuqu nizzluh f'dik l-iskrittura. Ghalhekk m'ghandux ikun*

*lecitu li wiehed mill-kontraenti idahhal f'dak il-ftehim klawzoli ohra li mill-kitba ma jirrizultawx, jekk ma jkunux klawzoli sekondarji li jkunu qieghdin ifissru jew jiccaraw il-klawzoli principali (Appell 31 ta' Mejju, 1943* ***Farrugia vs Piscopo".***

*L-istess principju gie ovvjament kostantement applikat mill-Qrati taghna bhal per ezempju fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell nhar is-7 ta' Ottubru 1997 fl-ismijiet* ***Marie Debono vs Silvo Cassar*** *u dik fl-ismijiet* ***General Cleaners Company Limited vs Accountant General*** *deciza mill-Prim' Awla fid-29 ta' Novembru 2001 u* ***Dr. Gerald Montonaro Gauci noe vs Alex Agius Cesareo noe*** *deciza fil 31 ta' Jannar 2002 mill Prim' Awla.*

*In konkluzijoni fuq dan il-punt ta' pacta sunt servanda issir refernza ghas-sentenza* ***Eric Scehmbri noe vs Lewis Baldacchino*** *deciza fil-11 ta' Novembru, 1997 mill-Qorti ta' l-Appell, fejn gie konfermat li:-*

*"Fil-fehma tal-Qorti l-qofol u l-pedament ta' kull Ligi li qatt saret biex tirregola l-konvivenza socjali bbazata fuq l-obbligazzjonijiet sa mill-bidu – u cioe ir-rationalis principium huwa li pacta sunt servanda".*

*Minn dan kollu jsegwi li jekk il-partijiet jiffirmaw kuntratt b'diversi kundizzjonijiet u obbligi l-partijiet huma obbligati li jsegwuhom u dan ghaliex il-principju contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non ferritur jibqa' jsehh sakemm il-Qorti ma tkunx perswaza li hemm zball fil-kuntratt jew li thalla barra xi fatt ghal xi raguni specjali. Fdawn il-kazijiet il-principji bazati fuq il-gustizzja u lekwita' ghandhom ikunu supremi (Appell 15 ta' Dicembru 1947* ***Mercieca vs Pace*** *Vol XX111 .1.pagna 603).*

*Fil-kawza fl-ismijiet* ***Vittoria Sciberras et vs Sister Adelaide Gauci Noe et*** *deciza mill-Qorti tal-Appell nhar il-21 ta Ottubru 2004 gie ritenut li:-*

*"Kuntratti maghmula skont il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom u ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet*

*maghrufin mil-ligi. Biex kuntratt jissodisfa l-vot tal-ligi jehtieg li jkun fih dawk ir-rekwiziti essenzjali kontemplati fl-Artikolu 966 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` l-kapacita`, il-kunsens, l-oggett u kawza lecita. Naturalment jekk kuntratt jissodisfa dawn r-rekwiziti ma jistax jigi dikjarat null jew bla effett billi tali kuntratt jkun qed jirrifletti l-volonta` legittima tal-kontraenti liema volonta` hija suprema kif jixhdu r-regoli ta' interpretazzjoni li jinsabu fl-Artikolu 1002 et sequitur tal-Kap 16."*

*Gie ukoll ritenut fil-kawza fl-ismijiet* ***Malta Development Corporation Vs Zet Limited*** *deciza nhar il-5 ta' Ottubru 2001 li:-*

*"Huwa principju fondamentali li l-kuntratti ghandhom jigu ezegwiti in buona fede".*

*Waqt li s-sentenza fl-ismijiet* ***Joseph Chetcuti Noe vs Peter Paul Camilleri*** *deciza fl-4 ta' Dicembru 1998 mill-Qorti tal-Appell inghad ukoll, b'zieda ghal dak li intqal aktar 'il fuq li "Skont l-artikolu 993 tal-Kodici Civili, il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in bona fede u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom izda ukoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skont ix-xorta taghha bl-ekwita', bl-uzu u bil-ligi."*

*Huwa tajjeb li wiehed jara x'kellhom f'mohhom il-partijiet meta ffirmaw il-kuntratt, u dan sabiex il-Qorti tkun f'posizjoni li taghmel interpretazzjoni aktar fidili tal-klawsoli hemm inkorporati. Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Ivor John Zammit vs Henry Bosco Calleja pro et noe*** *deciza fid-19 ta' Jannar 1994 mill-Qorti ta' l-Appell inghad li:-*

*"Wahda min-normi li ghandhom jigu osservati fl-interpretazzjoni tal-kuntratti jipprovdiha l-artikolu 1002 tal-Kap. 16 li jipprovdi li meta s-sens tal-kelma ma jaqbilx ma' dak li kellhom fi hsiebhom il-partijiet mehudin kollha flimkien, ghandha tghodd l-intenzjoni tal-partijiet."*

*Issa f'dan il-kaz jirrizulta li nhar it-tmienja t'Awwissu 2005 (fol. 3 et seq) il-kontendenti ffirmaw kuntratt ta' mpjieg fejn l-attur Mark Bugeja ghan-nom tas-socjeta' Grant Thornton*

*impjega mieghu lill-konvenut u dan bhala Senior Auditor ghall-perijodu definittiv ta' sentejn mit- 8 ta' Awwissu 2005 sas-7 ta' Awwissu 2007, u dan skont il-kundizzjonijiet hemm imsemmija. Izda skont ix-xhieda ta' Mark Bugeja jirrizulta li dan il-kuntratt definittiv jigi indefinittiv jekk wara s-sentejn il-konvenut jibqa' mpjegat mas-socjeta' attrici, kif fil-fatt baqa'.*

*Jidher li l-kontestazzjoni dwar il-kawza odjerna hija bazata fuq dak li hemm stipulat fil-**klawzola numru 7.5** li tipprovdi is-segwenti:-*

*"The employee cannot take up employment for a minimum period of two years after date of termination of employment with the Firm with any person, firm or company who for two years prior to the termination of this agreement were clients of the Firm. In such case the parties agree that the employee will pay the Firm by way of agreed damages the sum of two thousand Liri (LM2000)".*

*Issa mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut kien beda l-impjieg tieghu mas-socjeta' attrici u fost il-klijenti tas-socjeta' attrici huwa ghamel xi xoghol ghall-MFSA. Dan mhux kontestat mill-partijiet, ghalkemm il-konvenut jghid li mas-socjeta' attrici huwa hadem bhala Senior Auditor u mal-MFSA qed jaghmel xoghol totalment differenti li m'ghandu x'jaqsam xejn ma' auditing. Jirrizulta, kif del resto anke kkonferma l-istess konvenut, li huwa ttermina l-impjieg tieghu mas-socjeta attrici volontarjament fit-18 ta' Marzu 2008 meta l-MFSA kienu ghadhom kljenti tas-socjeta' attrici. In fatti Bugeja jghid li fis-sena 2007 il-konvenut kien hadem fuq l-audit tal-MFSA li ghalqet fis-sena 2006.*

*Mark Bugeja jghid fix-xhieda tieghu li appena l-konvenut spicca l-impjieg tieghu minn maghhom, huwa beda jahdem mal-MFSA u kien kitiblu fil-21 t'April fejn talbu jhallas il-penali msemmija fil-klawsola numru 7.5 fuq riferuta. Il-konvenut pero' wiegbu skont ittra datata 2 ta' Mejju 2008 fis-sens li kien ha parir legali li huwa ma kienx obbligat ihallas din il-penali. F'ittra datata 2 ta' Mejju 2008*

*esebita a fol. 44 indirizzata lill-attur Mark Bugeja ghan-nom tas-socjeta' attrici mibghuta mill-konvenut, jirrizulta li l-konvenut ma kienx qed jikkontesta li beda mpjieg mal-MFSA.*

*Illi l-konvenut pero' jressaq provi fis-sens li x-xoghol gdid tieghu ma kellu x'jaqsam xejn ma' dak li kien jaghmel meta kien impjegat mas-socjeta' attrici, u dan ghaliex huwa kien qed jaghmel xoghol koness ma' Insurance.*

*L-atturi pero` jsostnu li fil-kuntratt li l-konvenut iffirma, u appuntu fil-klawsola numru 7.5 m'hemm l-ebda riserva dwar jekk l-impjieg ikunx tal-istess natura jew le. Anzi jghidu li hija klawsola generali fis-sens li l-konvenut ma setax isib impjieg ma' klijent tas-socjeta' attrici, qabel ma jghaddi l-perijodu ta' sentejn mit-terminazzjoni tax-xoghol tieghu maghhom.*

*Illi minn ezami ta' din il-klawsola jirrizulta li verament ma kien hemm l-ebda riserva, u li l-konvenut kien obbliga ruhu li ma jimpjegax ruhu ma' xi klijent tas-socjeta' attrici ghal perijodu hemm stipulat. Illi ghalhekk il-konvenut ma jistax jaqbad u jaghti tifsira kif irid hu lill-kuntratt. Il-Qorti kelha tara x'kienet l-intenzjoni tal-partijiet meta ffirmaw il-kuntratt. Zgur li ma jistax jinghad li meta l-konvenut iffirma l-kuntratt huwa kellu l-hsieb li jimpjega ruhu mal-MFSA jew li jfittex impjieg ta' natura differenti meta wera interess li jkompli bl-istudji tieghu f'dak il-qasam tax-xoghol li kien beda. Ghalhekk zgur l-intenzjoni tal-partijiet kienet wahda fis-sens li l-konvenut kien obbliga ruhu li ma jimpjegax ruhu fi kwalsiasi mpjieg ma' klijent tas-socjeta' attrici. Issa la huwa ghazel li jinjora l-ftehim, u cioe' jmur lura fuq il-kelma tieghu, u l-obbligazzjoni li huwa kien assuma, jrid issa jhallas il-konsegwenzi, u cioe' li jhallas il-penali imsemmija fl-istess kuntratt. Issir referenza ghall-kawza simili hafna li kienet pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell u li giet deciza fil-11 ta' Novembru 1997 fl-ismijiet* ***Eric Schembri u Paul Bezzina ghan-nom u in rapprezentanza ta` Mediterranean Insurance Brokers Limited u M.I.B. Holding Co. Ltd. Vs Lewis Baldacchino*** *fejn is-socjeta` attrici talbet penali talli l-konvenut m'ghamilx iz-zmien kollu fl-impjieg tieghu meta*

*kellu stipulazzjoni kontrattwali li kellu jahdem ghal perijodu wara li jispicca l-istudju. Il-Qorti tal-Appell u l-Ewwel Qorti applikaw il-principju pacta sunt servanda u illi klawsoli huma validi u giet ikkonfermata s-sentenza fejn intlaqghet it-talba attrici.*

***Ghadlaqstant din il-Qorti qieghda filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici b'dan illi qed tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi dik is-somma msemmija fir-rikors promotur u cioe' fl-ammont ta' erbat elef, sitt mija, tmienja u hamsin ewro u hamsa u sebghin centesmu (€4658.75) ekwivalenti ghal elfejn lira Maltin (Lm2,000).***

***Bl-ispejjez ta' din il-procedura, nkluz il-hlas tal-ittra ufficjali datata 25 ta' Gunju 2008, kontra l-konvenut. L-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza."***

Rat ir-rikors tal-appell tal-istess Geoffrey Camilleri datat 10 ta' Marzu 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-11 ta' Ottubru 2011.

Rat ir-risposta tal-appell ta' **Mark Bugeja, Martin Bonello Cole, Austin Demajo u Joseph Pullicino f'isimhom proprju u fl-isem u fl-interess tad-ditta Grant Thornton** datata 1 ta' April 2011 a fol 7 tal-process fejn sostnew ghar-ragunjiet hemm indikati li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewgt istanzi kontra tieghu.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-11 ta' Ottubru 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehru id-difensuri tal-partijiet. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghad-29 ta' Marzu 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi datata 22 ta' Frar 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-aggravji tal-appellant huma sintetikament li (a) li tali klawsola ta' penali ma ghandha l-ebda effett peress li din ma gietx approvata minn qabel mid-Direttur tax-Xoghol li kien mehtieg la darba din tmur kontra l-**artikoli 26 u 38 tal-Kap. 135** u llum **artikolu 19 tal-Kap. 452;** (b) tali klawsola hija nulla u bla effett ghaliex hija konsideratata bhala *"in restrain of trade"* kif ritenut fis-sentenza **"Attilio Cesareo et vs Anthony Cilia Pisani** (P.A. – 31 ta' Jannar 2003; A.C. – 3 ta' Marzu 2006); (c) l-interpretazzjoni hazina tal-kuntratt u dan ghaliex il-kariga li kellu mas-socjeta' attrici kienet ta' Senior Auditor mentri l-impjieg li ghandhu mal-MFSA ma huwiex dak ta' audit, u allura l-principju ta' pacta sunt servanda ma japplikax fis-sens li ma kien hemm ebda ksur tal-ftehim.

Illi dwar it-tielet aggravju din il-Qorti thoss li fil-verita' l-interpretrazzjoni li din il-Qorti tat ta-kuntratt bejn il-partijiet kienet wahda sew u tohrog car mill-istess kliem tal-kuntratt stess li fil-verita' tant huma cari li ma hemmx lok ta' ebda interpretazzjoni. Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza **"Lay Lay Company Limited vs L-Ghajn Contstruction Company Limited"** (P.A. (RC) – 28 ta' Gunju 2011) u li kkonfermat dak li nghad fis-sentenza **"Anton Spiteri vs Alfred Borg"** (P.A. (RCP) - 30 ta' Novembru 2000) fuq is-suggett ta' interpretazzjoni ta' kuntratt inghad li *"ghalhekk hawn japplika l-principju stabbilit fl-**artikolu 1002 tal-Kap 12**, fejn meta il-kliem ta' konvenzjoni mehud fis-sens skond l-uzu tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ta' interpretazzjoni, ghaliex tali interpretazzjoni, anke supplita minn xhieda, tista' tinghata biss sabiex telucida l-iskrittura jew il-kuntratt f'xi patt incidentali jew accessorju taghha"*

(**“Carmela Borg vs Bartolomeo Xuereb” -** A. C. 30 ta’ Marzu 1997).

Illi kif inghad fis-sentenza **“Emmanuel Avallone vs Centru Speranza fl-Inkapacitati”** (P.A. (RCP) – 28 ta’ Frar 2002) dan huwa wkoll konformi mal-principju *‘contra scriptum non est argumentum’,* li jibqa’ japplika sakemm ma tingiebx prova li tali skrittura hija nieqsa minn xi element kostituttiv taghha, prova li tirrizultax li saret f’din il-pendenza.

Illi dan il-principju gie applikat konsistentement minn dawn il-Qrati u hawn issir riferenza ghas-sentenzi **“Bartolomeo Micallef vs JCR Limited”** (P.A. (RCP) – 29 ta’ Jannar 2009) fejn inghad li la darba *“minn qari tal-istess kuntratt jirrizulta car li l-kliem tal-istess ftehim jindikaw b’mod preciz x’kienet l-intenzjoni tal-partijiet u dan kien li jigi trasferit bhala korp il-hanut hemm indikat, b’mod li ma hemm bzonn ta’ ebda interpretazzjoni (**artikolu 1002) “Avukat Dottor Joselle Farrugia vs Dr. Pascal Demajo et nomine”** (P.A. (PS) -0 9 ta’ Dicembru 2002)”* mela allura ghandu jigi ritenut li l-intenzjoni tal-partijiet hija manifestata b’dak li jipprovdi b’mod car l-istess kuntratt u ma ghandhux ikun hemm ebda lok ta’ interpretazzzjoni.

Illi fis-sentenza **“John Spiteri et vs Popeye Investments Limited”** (A.C. – 3 ta’ Novembru 2006) inghad illi li kif *“ravvizat fis-sentenza fl-ismijiet **Elena Micallef v. E. Ciantar** (Vol.X.345) deciza fit-3 ta’ Jannar 1884 “quando sorgono difficolta’ sulla intelligenza delle condizione di un contratto e sulle conseguenze, la legge forinisce alcune norme indicattive e dimonstrative e criteri diretti come mezzi d’interpretazione, senza vincolare la liberta; del giudicante, tenuta a prendere in calcolo le circostanze speciali in ciascun caso”.*

*“Hawhekk opportun li jigu ribaditi certi principji regolanti materji ta’ kuntratti –*

*i) F’materja kontrattwali l-ftehim hu ligi ghall-partijiet kontraenti (Art. 992 (1) Kodici Civili; **Carmelo Bajada noe v. Fr. S. Cachia et noe** (A.K. deciz 16 ta’ Lulju 1973);*

*ii) Ir-regola fundamentali hija dettata mill-Artikolu 1002 tal-Kodici Civili li jghid li meta l-kliem tal-kuntratt mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car m'hemmx lok ghall interpretazzjoni (Vol.XXXIV.i.p27). L-interpretazzjoni ghandha tittiehed mill-atti innifsu u mhux minn provi estraneji , specjalment meta l-interpretazzjoni hija relattiva ghall-kwistjoni principali".*

*iii) Illi meta s-sens letterali tal-kelma ma jaqbilx ma' l-intenzjoni tal-partijiet kontraenti kif tidher car mill-pattijiet mehudin flimkien, ghandha tipprevali l-intenzjoni. Dwar dan din il-Qorti, diversament presjeduta, spjegat illi "din ir-regola ghandha tigi sewwa apprezzata u applikata. Irid jirrizulta bla dubju li s-sens tal-kwalsola li tkun jista' biss jigi nterpretat b'mod univoko ghax hu car. Irid jirrizulta wkoll li dan is-sens car tal-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li kellhom f'mohhom il-partijiet kollha u mhux ma' dak biss li xi wahda mill-partijiet kellha f'rasha u dan irid jidher mill-pattijiet kollha tal-kuntratt mehudin flimkien* ***("J. Bartolo et v. A. Petroni*** *deciza 7 ta' Ottubru 1997")".*

*iv) Fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni mhux l-interpretazzjoni tal-kontendenti ghall kliem tal-ftehim jew is-sens divers li huma jaghtu lill-kliem li jiswa imma dak li huwa importanti "hu l-qari oggettiv tal-gudikant li jaghti lill-kliem is-sens ordinarju tieghu fil-kuntest ta' kif gie uzat mill-kontraenti li ghandu jorbot (****J. Zammit v. Michael Zammit Tabone et noe*** *– Appell Superjuri deciz 28 ta' Frar 1997).*

Illi dan jikkonferma dak li nghad fis-sentenza **"Emanuel Cauchi et vs BCF Holdings Limited et"** (P.A. (RCP) – 28 ta' Gunju 2006) fis-sens *"li bl-aktar mod esplicitu gie ritenut li "l-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. "Pacta sunt servanda". (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – "****Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines")****".*

Illi hekk ukoll fis-sentenza **"Gemma Fenech vs John Bugeja"** (A.I.C. (PS) – 20 ta' Ottubru 2003) inghad li:-

*"Tajjeb li jigi osservat ukoll qabl kull konsiderazzjoni tal-meritu illi huwa pacifiku f'materja ta' interpretazzjoni ta' kuntratti illi meta d-dicitura tal-kuntratt hija wahda cara allua ma huwiex lecitu ghall-Qorti li tittanta tinterpretah billi tindahal x'kienet il-motivazzjoni tal-kontraenti meta kkonkludew il-ftehim. Dan jinsab rispekkjat ukoll fl-Artikolu 1002 tal-Kap. 16".*

*"Illi imbaghad ferm assodat bhala principju ta' interpretazzjoni illi "contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non aufetur". Dan fis-sens illi mhux ammess illi provi orali jfissru dak li fih innifsu huwa diga car ("**Joseph Gatt vs Joseph Galea",*** Appell Civili, *14 ta' April 1975) u l-kontraenti ma jkunux jistghu jipprovaw permezz ta' testimoni dak li ma jirrizultax, jew jirrizulta eskluz, mill-istess kuntratt (**Vol. XXXIX.iii.p855** u r-rassenja ta' gurisprudenza f'din is-sentenza kontemplata".*

Illi ghalhekk l-ewwel haga li trid issir hija li wiehed jezamina d-dicitura tal-kuntratt u jara jekk dan huwiex car. Illi f'dan is-sens jidher li l-klawsola 7.5 hija cara fis-sens li l-appellant ma setax jimpjega ruhu fit-terminu indikat fl-ebda impjieg ma' persuna, ditta, socjeta' jew azjenda li kienet fi zmien sentejn mid-data msemmija klijenta tal-istess socjeta' attrici u hekk fil-fatt kien il-kaz ghaliex l-MFSA kienet klijenta tad-ditta attrici. Dan ma kien bl-ebda mod limitat ghall- posizzjoni ta Senior Auditur, ghaliex dan ma jirrizultax li kien il-kliem uzat fl-istess skrittura, u dak li qed jghid l-appellant ma jirrizultax u ma jinghadx fl-istess skrittura u ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

Illi dwar l-aggravji l-ohra jidher car mill-atti quddiem il-Qorti tal-Ewwel Istanza li l-aggravji hawn sollevati ma gew ecceppiti quddiem l-Ewwel Qorti fejn fil-fatt jirrizulta li fir-risposta tieghu datata 26 ta' Novembru 2008 (fol. 16) dawn ma jissemmewx u hawn issir riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza **"Dr. Philip Manduca nomine vs Alfred Vassallo et"** (A.C. - 26 ta' Gunju 2009) fis-sens li

huwa fil-fatt risaput u pacifiku fil-gurisprudenza lokali illi fl-istadju ta’ l-appell ma jistghux jigu sollevati punti godda li ma gewx trattati fil-Prim’Istanza u dan kif gie ritenut diversi drabi minn dawn il-Qrati fosthom fis-sentenza fl-ismijiet **“Carmel u Theresa konjugi Tabone vs David u Rose konjugi Tabone”** (A.C. – 31 ta’ Jannar 2003) fejn gie riaffermat illi:-

*“Din il-Qorti hija qorti ta’ revizjoni u ghalhekk hija prekluza milli tindaga dwar, u tindirizza, elementi godda li ma jirrizultawx fil-prima istanza u li konsegwentement ma hemm ebda decizjoni dwarhom. Dana mhux biss inkwantu tali ndagini tkun tinnecessita is-smigh ta’ provi godda fuq il-kwistjoni gdida sollevata fir-rikors tal-appell, liema provi ma jirrizultawx fil-process, izda wkoll billi b’kull decizjoni f’dan li stadju fuq materja gdida li ma kinitx mertu mis-sentenza appellata jigi lez id-dritt tal-partijiet ghad-doppio esame. Dan id-dritt jigi nieqes kemm-il darba din il-Qorti kellha tindirizza l-aggravju kif prospettat fir-rikors ta’ l-appell li ma ghandu x’jaqsam xejn ma’ dak li gie diskuss quddiem l-ewwel qorti.”*

*“Illi f’dan is-sens huma is-sentenzi **W.P. Limited vs A.X. Construction Limited** (A.C. – 3 ta’ Ottubru, 2008) u **Vincent Camilleri et vs Gaetano Aquilina (**A.C. - 16 ta’ Marzu, 2004). Fil-fatt huwa minnu illi dan l-aggravvju jikkostitwixxi punt gdid illi ma tressaqx fil-prim’istanza u ghalhekk ma jistax jigi sollevat f’dan l-istadju (**Gasan Insurance Agency Ltd et vs Parnis England Trucking Ltd proprio et nomine** – A.I.C. (PS) – 12 ta’ Jannar 2005; **Carmen Mallia et vs Mario Spiteri** – A.I.C (PS) 9 ta’ Novembru 2005) u ghalhekk anke fuq din il-bazi dan l-aggravju qed jigi michud”.*

Illi ghalhekk dan huwa l-kaz odjern, ghaliex l-unika eccezzjonijiet li inghataw kienu biss li ma kienx hemm ksur tal-istess kuntratt u dwar l-interpretazzjoni tal-istess klawsola hawn in ezami, izda qatt ma tqajjem il-punt fl-istess eccezzjoni li tali kuntratt ma kienx skond il-ligi bil-mod kif illum qed jigi f’dan l-istadju pretiz mill-appellant.

Illi huwa veru li certu punti tqajjmu proprju fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-appellant fl-ewwel istanza, izda dan ma jistax jissostitwixxi l-prezentata formali ta' eccezzjonijiet f'risposta, b'dan allura li l-ewwel zewg aggravji hawn sottomess huma verament aggravji godda, li ma tqajjmux quddiem l-Qorti tal-Prim Istanza.

Illi izda hawn f'din il-kawza hawn punt iehor li jrid jigi kkunsidrat u dan huwa l-aggravju li tali klawsola hija kontra *public policy* u huwa f'dan il-kuntest li dawn l-aggravji iridu jigu trattati u dan peress li qed jigi ritenut li tali klawsola li rrestringiet l-impjieg tal-appellant wara t-terminazzjoni tal-impieg tieghu mas-socjeta' appellanti, assoggettat lill-impjegat ghall-penali, meta l-istess imposizzjoni ma kienitx approvata *a priori* mid-Direttur tax-Xoghol skond l-**artikolu 19 tal-Kap, 452** li qabel kienet tikkostitwixxi l-**artikolu 26 tal-Kap. 135**.

Illi ma hemm ebda dubju li fuq kuntratti ta' servizz jew tax-xoghol il-ligi specjali trid tigi osservata u dawn kienu regolati b'dak li jipprovdi l- **artikolu 19 tal-Kap, 452** (qabel **artikolu 26 tal-Kap. 135)** u dwar dan ma hemm l-ebda dubju li fid-decizjoni **""Attilio Cesareo et vs Anthony Cilia Pisani** (P.A. (PS) – 31 ta' Jannar 2003; A.C. – 3 ta' Marzu 2006) tali klawsoli gew ikkunsidrati bhala li jaqghu taht id-disposizzjonijiet tal-istess **artikolu 26 tal-Kap. 135** tant li inghad li f'dan ir-rigward il-ligi tissanzjona li l-pattijiet ta' dan it-tip f'kuntratt tax-xoghol jkunu jridu jigu approvati minn qabel mid-Direttur tax-Xoghol, u tali klawsola giet ikkunsidrata li tapplika mhux biss wara t-terminazzjoni tax-xoghol izda wkoll waqt li jkun applikabbli l-istess ftehim. Fuq kollox l-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-istess decizjoni rriteniet li f'kull kuntratt l-**artikoli 987 u 990 tal-Kap. 16** japplikaw fis-sens li ma jistax ikun hemm kawza llecita u l-kawza hija llecita meta hija projbita mil-ligi jew kuntrarja ghall-eghmil xieraq jew ghall-ordni pubbliku. Inghad li huwa f'dan il-kuntest li l-**artikolu 38 u 26 tal-Kap. 135** kellhom jigu applikati, b'dan li ma setghux jigu mposti kondizzjonijiet inqas favorevoli ghall-impjegat jekk mhux bl-awtorizzazzjoni mid-Direttur tax-Xoghol u dan kien japplika kemm ghall-multi imposti waqt id-dekorrenza tal-impjieg u kemm wara b'dan li l-kontraenti

huma tenuti li josservaw l-istess, u dak li f'dan is-sens huwa kontra l-ligi gie ritenut li huwa kontra l-interess pubbliku, ghaliex ma sarx bl-awtorizzazzjoni tad-Direttur tax-Xoghol, u ghalhekk null u bla efffett skond kif ritenut fis-sentenza **“Paul Pisani vs Reuben Vella Bray”** (P.A. – 5 ta' Ottubru 1994) (ara wkoll **“Brian Richard Andrews et vs Alfred Borg”** (P.A. (NC) – 31 ta' Ottubru 2003) u **“Judith Lucchesi nomine vs Rita Sultana et”** (A.C.- 3 ta' Dicembru 2004).

Illi la darba l-istess klawsola taqa' fil-parametri tal-Ligi fuq citata u ghalhekk kien hemm bzonn l-awtorizzazzjoni tad-Direttur tax-Xoghol sabiex tigi applikata, awtorizzazzjoni li ma tirrizultax, dan irendi l-istess klawsola kontra l-ligi ghaliex tali gew ritenuti li huma lleciti u kontra *public policy* u huma regoli li huma in restraint of trade li huma regolati specifikatament fil-ligi u mhux permessibbli jekk mhux bl-approvazzjoni minn qabel tad-Direttur responsabbli ghall-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali. B'hekk l-appell qed jigi milqugh, d-decizjoni appellata revokata ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, bil-konsegwenza li t-talba attrici qed tigi michuda,

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tad-ditta appellata datata l-1 ta' April 2011 biss in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' l-appell interpost mill-appellanti Geoffrey Camilleri datat 10 ta' Marzu 2011 biss in kwantu l-istess huwa konformi ma' dak hawn deciz, b'dan li din il-Qorti qed thassar u tirrevoka ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 22 ta' Frar 2011 fl-ismijiet “Mark Bugeja et nomine vs Geoffrey Camilleri” (Rikors Numru 345/08) u minflok tichad it-talba attrici kif dedotta fl-avviz datat 17 ta' Ottubru 2008 ghaliex hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi**.

**Illi minhabba c-cirkostanzi tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------